**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 990/97

Joseph Debattista

vs

Chairman Enemalta Corporation

Illum 4 ta' April, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1988 huwa sofra ingustizzja f'li gie trasferit u mtellef Overtime u Shift Allowance.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa dahal jahdem ma l-Enemalta fl-1985 bhala Skilled Labourer. Huwa kien stazzjonat il-Power Station Marsa.

Fl-1987 kienu hargu sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghall-promozzjoni ghal recorders. Huwa applika ghamel l-ezami u ghadda. B'hekk huwa sar Recorder.

F'Settembru ta' l-1988 meta huwa kien qieghed jahdem bix-Shift gie mgharraf mis-Sur Pawlu Schembri li kien jokkupa l-kariga ta' Assistant Head biex jirraporta ghax-xoghol u d-Distrett tal-Belt fuq day Work. Dan minghajr raguni valida, u b'hekk gie mtellef Shift Allowance u Overtime li kien jahdem fil-Hdud u l-Festi meta kien ikun hemm il-htiega.

Meta huwa kien ressaq l-ilment tieghu dwar dan il-kaz, is-Sur Tarcisio Mifsud li kien jokkupa l-kariga ta' Assistant Head kien qallu li ma jista' jaghmillu xejn ghax it-trasferiment tieghu kien gej 'minn fuq' u kellu ordni biex hu jintbaghat kemm jista' jkun malajr.

Ta min isemmi li postu kien inghata lill-Recorder li kien il-Belt.

Ghaldaqstant hass li huwa gie mtellef l-opportunita' li jkompli jahdem bix-shift u jaghmel l-overtime ngustament u b'hekk sofra danni finanzjarji.

Huwa hass li din id-diskriminazzjoni saret mieghu minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku hawn anness li jindika ghar-rigward ta'

kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jigi kkumpensat ghal dak kollu li huwa gie mtellef ingustament skond kif tiddeciedi l-Qorti, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew somma verjuri.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:

Illi r-rikorrent permezz ta' Memorandum li ggib id-data ta' 10 ta' Marzu 1989 iffirmata mis-Sur Lawrence Ciantar li dak iz-zmien kien Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta gie trasferit mid-Distrett tal-Belt ghal Marsa Power Station.

Illi mid-dokumenti li jezistu fil-file personali tar-rikorrent li ghandha l-Korporazzjoni ma jirrizultawx il-motivi u r-ragunijiet tat-transfer.

Illi r-rikorrent gie trasferit lura ghad-Distrett tal-Belt fl-1 ta' Settembru 1988.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-korporazzjoni intimata flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti imsemmija fir-rikors. Semma li hu jiehu parti attiva fil-politika fir-rigward tal-partit laburista. Sostna li hu dejjem qeda d-doveri tieghu bl-akbar reqqa, b'efficjenza u onesta u hadd qatt ma lmenta li ma naghmilx xogholu sewwa. L-azzjoni li saret kienet motivata minn diskriminazzjoni politika. Dam trasferit ghall-perjodu ta' sitt xhur u wara dan il-perjodu regghu baghtuh lura fuq ix-xoghol tieghu. Semma li sofra telf finanzjarju f'dan il-perijodu konsistenti f'telf ta' shift allowance u telf ta' overtime. Wara li reggha inbidel il-Gvern fil-1996, il-Korporazzjoni Enemalta riedet tikkompensah ghad-danni li sofra pero' ma kienx ghadu intlahaq ftehim dwar il-quantum.

Joseph Mangion li jahdem mal-Enemalta Corporation bhala Principal xehed li jaf lir-rikorrent u li mill-file tieghu jirrizulta li r-rikorrent kien gie trasferit mill-Power Station il-Marsa ghall-Belt. Dan kien mill-1988 ghall-1989. Hu ha transfer wiehed. Hu kien jahdem f' kamra ghar-recorders u xoghol il-Belt l-istess haga bhala recorder u wara sitt xhur regghu baghatuh lura fejn

kien. Dejjem qeda dmiru tajjeb. Qatt ma kien hemm ilmenti dwar ir-rikorrent fuq ix-xoghol tieghu. Esebixxa dokument li juri xi allowances li tilef kawza tat-transfer ir-rikorrent. Mar wiehed minn floku li kien fid-Distrett tal-Belt. F' Awissu, Settembru 1998 kien hemm bord li kien baghat ghar-rikorrent biex jara jirrangawx u peress li r-rikorrent ma accettax ma hemm ebda minuta dwar dan. Ma setax jghid dwar l-ammont li offrewlu. Minn dan id-dokument jirrizulta li r-rikorrent tilef LM309.45.

Ikkunsidra

Illi hawn it-Tribunal ghandu l-obbligu li jara jekk saritx ingustizzja. Fil-kawza fl-ismijiet "Carmel Kitcher vs Direttur tax-Xoghiolijiet Pubblici" deciza fis-6 ta' Frar, 2001 it-Tribunal qal:

"Dan qieghed jinghad fis-sens li rikorrent li jilmenta minn transfer irid:

✓Jispecifika minn fejn gie trasferit u ghal fejn gie trasferit;

✓Min gie trasferit mieghu;

✓Min u jekk giex trasferit xi hadd minfloku;

✓Dak li gie trasferit minfloku kien jahdem fl-istess sezzjoni jew kien jaghmel xoghol differenti;

✓Min kellu l-aktar kwalifiki, certifikati, u/jew esperjenza;

✓Inghatat xi raguni ghala sar it-transfer; Ir-raguni spiss moghtija mill-intimati – skond l-esigenzi tas-servizz u li kuntratt tax-xoghol jippermetti l-principju tal-mobilita' tal-haddiema mhix raguni sufficjenti. Fil-kawza fl-ismijiet "Silvio Demanuele vs Tabib Principali tal-Gvern" deciza minn dan it-Tribunal fid-29 ta' April, 1998, intqal: "L-esigenzi tas-servizz mhix xi haga li kapriccosament tista' tuza' bhala pretest biex taghmel li trid u tittraskura d-drittijiet tal-haddiema. Jekk verament ikun hemm esigenzi tas-servizz dan jintitola lill-Gvern mal-principju tal-mobilita' tas-servizz li jsir it-trasferiment; izda dawn l-esigenzi iridu jigu ippruvati u mhux semplicement allegati." [ara wkoll George Cutajar vs Direttur tal-Agrikoltura 6/4/98]

✓X'baghta ir-rikorrent kawza tat-transfer kemm fi flus kif ukoll promotions, allowances, u affarijiet ohra konnessi.

Fil-kaz in ezami ma saret ebda sottomissjoni ghaliex sar it-transfer, lanqas saru domandi lill-istess rikorrent, lanqas gew prezentati xi dokumenti. Fi ftit kliem it-transfer sar ghax sar! Hawn wiehed bil-fors ikollu jasal ghall-konkluzzjoni li l-ingustizzja tirrizulta.

Issa x'kienu l-konsegwenzi ta' din l-ingustizzja. Is-sur Mangion hadem din kif jidher dettaljatament pruvat fid-dokument "JMX"

u tammonta ghal LM309.45. Ma ingibet ebda prova li dan l-ammont hu b'xi mod hazin. Anzi jinghad li jekk jinghata l-ammont kollu r-rikorrent sejjer jiehu l-ammont kollu minghajr ebda dwejjaq u sagrificju ta' Shift. Il-fatt li l-Enemalta offriet lir-rikorrent skond dak li jghid hu LM400 la gie pruvat hlief bix-xhieda tal-istess rikorrent u kieku stess din hija offerta minghajr pregudizzju in via di transazzjoni. Tant kemm l-istess rikorrent ma qisix torbot li kompla bil-kawza biex jipprova jiehu aktar. Sfortunatament ghalih hawn gralu bil-maqlub.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-intimat, jilqa' t-talba tar-rikorrent, u peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li f'dan il-kaz ir-rimedju huwa wiehed ta' kumpens, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlitt mitt lira [LM 300].

Spejjez kontra l-intimat.